Kunsill Reġjun Punent
Ċentru Kristu Ragħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtu, Rabat, Malta
E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **60**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar Il-Ħamis 26 ta' Marzu, 2026 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:00 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

President: Is-Sur Sandro Azzopardi
Is-Siġġiewi: I s - Sindku s-Sur Julian Borg
Ħad-Dingli: Is-Sindku is-Sur Raymond Schembri
Ħal Kirkop: Is-Sindku s-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Qrendi: Il-Viċi President is-Sur David Michael Schembri
Ħal Safi: Is-Sindku s-Sur Johan Mula
Iż-Żurrieq: Is-Sindku s-Sa Rita Grima

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

L-Imdina: Is-Sur Peter Sant Manduca
Ħaż-Żebbuġ: Is-Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi
L-Imqabba: Il-Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa
Ir-Rabat: Is-Sindku s-Sur Alexander Craus

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:50 ta' filgħaxija.

**60.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

60.01.01 Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku tal-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca, is-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ is-Sur Steve Zammit Lupi, s-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa u s-Sindku tar Rabat, is-Sur Sandro Craus

**60.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 58 u 59;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 58 li saret nhar is-26 ta' Frar 2026 u l-Minuti tal-Laqgħa urġenti numru 59 li saret nhar it-02.03.26 .

Sekondant: Is-Sindku ta' Siġġiewi is-Sur Julian Borġ Laqgħa 58
Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima Laqgħa 59
Il-Kunsill qabel unanimament

**60.03 Punti mqajjma mill-Minuti**

**60.04 Kommunikazzjoni mill-President**

60.04.01 Nhar is-26.02.2026 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-NGOs li il-Kunsill Malti għall-Arti flimkien mal-Aġenzija Żgħażagħ se jkun qed jorganizza sessjoni t'informazzjoni dwar l-iskema Artivisti nhar is-27.02.26

60.04.02 Nhar is-27.02.26 irċivejna Cir AKL 2026/020_GovTech4All – Malta Local Councils AI Pilot.

60.04.03 Nhar is-27.02.26 ħarġet stqarrija mill-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali fuq il-Katakombi ta' San Pawl li jingħataw iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew. Dan huwa— rikonoxximent storiku għal Malta.

60.04.04 Nhar is-27.02.26 irċivejna Cir AKL/Regjuni 002/2026_Questionnaire: AI Training Needs and Priorities | Besoins et priorités en matière de formation à l'IA. Informazzjoni mibgħuta mis-Sa Federica Bordelot mis-CEMR.

60.04.05 Nhar is-27.02.26 irċivejna Case 10/2026 - Użu tal-Logo tal-Gvern fil-Firem tal-imejls. Ġejna mitluba sabiex nużaw signatures uffiċjali tal-Kunsill Lokali bil-logo u dettalji tal-Kunsill partikulari u mhux dik provduta mis-servizz pubbliku.

60.04.06 Nhar is-27.02.26 irċivejna korrispondenza fuq il-premjijiet Ewropej il-ġodda tal-Bauhaus u l-NEB Boost għall-muniċipalitajiet żgħar.

60.04.07 Nhar it-02.03.26 irċivejna Ċirkulari 1/2026 mid-DLG, dwar iċ-Chart of Accounts, kif ukoll appendiċi 1 u COA spreadsheet relatati ma' din iċ-ċirkulari.

60.04.08 Nhar it-02.03.26 irċivejna li tnediet Sejħa għal Parteċipanti għall-Ġimgħa Bla Diskors ta' Mibegħda 2026. It-tielet edizzjoni tal-Ġimgħa Bla Diskors ta' Mibegħda li se ssir bejn is-17 u d-19 ta' Ġunju 2026, se tiffoka fuq it-tisħiħ tar-risposti demokratiċi u l-mobilizzazzjoni pubblika kontra d-diskors ta' mibegħda.

60.04.09 Nhar it-02.03.26 irċivejna korrispondenza mid-DLG mibgħuta minn Xjenza Malta dwar webinar - "EIT Culture and Creativity – Cities and Regions Network". Ser ikun hemm ukoll avveniment nhar it-23.03.26.

60.04.10 Nhar it-02.03.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lis-Sindki kif ukoll lis-Segretarji Eżekuttivi dwar il-proġett Darba Waħda fil-Villaġġ. Infurmathom li ser tingħata tifkira lit-tfal fi tmiem ta' kull attività biex fl-aħħar tingħaqad f'waħda unika bħala Reġjun. Talbet sabiex jingħataw tlett (3) suġġerimenti ta' siti, monumenti, tradizzjonijiet, eċċ li s-Sindki jixtiequ li tkun qed tirrappreżenta l-lokalita'.

60.04.11 Nhar it-02.03.26 il-Maniġer tal-Ambjent tkellem mal-avukat dwar l-abbozz ta' dokumenti ta' ħidma dwar regolamentazzjoni għall-Kunsilli Lokali li fost l-ambiti tagħna huma:

1. Nesploraw aktar il-kapaċità legali u r-restrizzjonijiet tar-regolamenti fil-livell lokali u reġjonali
2. Ninfurmaw u niggwidaw lill-kunsilli lokali dwar ir-regolamenti potenzjali li jistgħu jiġu introdotti individwalment jew kollettivament;

60.04.12 Nhar it-02.03.26 sar il-kors tal-AED ġewwa l-lokalita' ta' Ħal Kirkop.

60.04.13 Nhar it-02.03.2026 irċivejna invit minn Ecostack Innovations sabiex nipparteċipaw f'konferenza nazzjonali dwar l-immaniġjar ta' riskji ambjentali, tibdil fil-klima, biodiversita' u sfidi fi sfond ta gżira żgħira, nhar l-20.03.2026 ġewwa Villa Bighi. Għaliha attenda il-Maniġer tal-Ambjent.

60.04.14 Nhar it-02.03.2026 saret il-preżentazzjoni tal-logħba Buzz Bee fl-iskejjel taż-Żurrieq u tal-Baħrjia.

60.04.15 Nhar it-03.03.26 beda l-awditjar finanzjarju tar-Reġjun Punent.

60.04.16 Nhar it-03.03.26 irċivejna invit għal Horizon Europe Info Day 2026.

60.04.17 Nhar it-03.03.36 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat ħareġ skema Komunitajiet Aktar Inklussivi. Din l-iskema hija mmirata għall-għaqdiet volontarji sabiex iwettqu proġetti innovattivi li permezz tagħhom jinvolvu tfal, żgħażagħ, adulti u nies avvanzati fl-età u/jew nies b'abbiltajiet differenti sabiex flimkien inħaddnu kultura inklussiva.

60.04.18 Nhar it-03.03.36 il-Maniġier tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat għadu kemm ħareġ l-iskema Quality of Life – Small Grants Scheme 2026. Din għandha l-għan li tħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet volontarji biex jimplimentaw fil-prattika proġetti u inizjattivi, bil-għan li jtejbu l-kwalità tal-ħajja fil-komunitajiet tagħna.

60.04.19 Nhar it-03.03.26 irċivejna Cir AKL 2026/021_Aġġornament dwar ħlasijiet lill-Pulizija u garanzija bankarja għal attivitajiet esterni.

60.04.20 Nhar it-03.03.26 irċivejna stedina mill-fondazzjoni tal-Karità Alive sabiex nikkunsidraw nissieħbu b'appoġġ għal kawża nazzjonali li tagħti impatt soċjali.

60.04.21 Nhar l-04.03.26 irċivejna Cir AKL 2026/020_GovTech4All – Malta Local Councils AI Pilot.

60.04.22 Nhar l-04.04.26 irċivejna Ċirkulari Nru 02/2026 mid-DLG dwar Allowance ta' Servizz fit-Tul

60.04.23 Nhar l-04.04.26 irċivejna Cir AKL 2026/022_Green Space Survey.

60.04.24 Nhar l-04.04.26 irċivejna Cir AKL 2026/023_ALDA General Assembly and Festival 2026 ser issir bejn 12-14 ta' Mejju 2026.

60.04.25 Nhar l-04.04.26 irċivejna mid-Diviżjoni tal-Indafa Pubblika stedina għat tnehdija – National Beverage Container refund door to door collection service.

60.04.26 Nhar l-04.04.26 irċivejna mill-AKL li se tkun qed tospita grupp ta' studenti mill-Programm tal-Perkors tal-MCAST u stiednu lill-Kunsilli Reġjonali biex jipparteċipaw f'din is-sessjoni ta' sensibilizzazzjoni. L-għan tas-sessjoni huwa li tintroduċi lill-istudenti għall-istruttura tal-governanza lokali u reġjonali, u tgħinhom jifhmu aħjar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali, kif ukoll l-opportunitajiet differenti ta' karriera f'dan is-settur.

60.04.27 Nhar l-04.03.26 sar il-kors tal-AED ġewwa l-lokalita' ta' Ħal Safi

60.04.28 Nhar il-05.03.36 irċivejna Cir AKL 2026/024 2026 Young Elected Politicians Programme, korrispondenza mibgħuta mis-COP YEP team.

60.04.29 Nhar il-05.03.2026 saret il-preżentazzjoni tal-logħba Buzz Bee fl-iskola Primarja tas-Siġġiewi.

60.04.30 Nhar is-06.03.26 irċivejna Cir AKL 2026/025_Invitation: Ethical AI in Local Governance Workshop li ser issir nhar l-24.03.2026

60.04.31 Nhar id-09.03.26 irċivejna Save the Date Malta Waste Reduction Awards 2026 li ser isiru nhar it-22.04.2026.

60.04.32 Nhar id-09.03.26 irċivejna Call for Participants for the No Hate Speech Week 2026 li ser isiru bejn 17-19.06.2026.

60.04.33 Nhar id-09.03.26 sar il-kors tal-AED ġewwa l-lokalita' tas-Siġġiewi.

60.04.34 Nhar l-10.03.26 irċivejna mid-DLG sabiex niġbru informazzjoni dwar tranazzjonijiet kummerċjali u l-perjodu medju ta' ħlas kkalkulat skont il-formola pprovduta sat-13.03.26

60.04.35 Nhar l-10.03.26 irċivejna mingħand Wasteserv illi inħarġet ittra ta' twissija lill-kollettur ta' Ħaż-Żebbuġ.

60.04.36 Nhar il-11.03.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Malta Council for Voluntary Sector (MCVS) se tkun qed torganizza żewġ sezzjonijiet ta' taħriġ fil-PR u Komunikazzjoni għall-għaqdiet volontarji.

60.04.37 Nhar il-11.03.26 il-Maniġier tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Ministeru għall-Inklużjoni u Volontarjat qed jistieden l-għaqdiet volontarji u NGOs biex jipparteċipaw u jkunu preżenti fuq l-istand li l-Ministeru se jtella' waqt il-Public Service EXPO 2026.

60.04.38 Nhar il-11.03.26 irċivejna Skemi ta' Finanzjament 2026 ( L-Ewwel Parti)

SPI.SCI.01.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali 2026 (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 14 ta' April 2026)

SPI.SCI.02.2026 - Finanzjament - Lokalitajiet aktar nodfa 2026 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2026)

SPI.SCI.03.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Milied 2026 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2026).

60.04.39 Nhar il-11.03.26 irċivejna Skemi ta' Finanzjament 2026( it-Tieni Parti)

SPI.SCI.04.2026 - Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2026)

SPI.SCI.05.2026 - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2026)

SPI.SCI.06.2026 - Finanzjament - Karnival 2027 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 28 ta' Awissu 2026).

60.04.40 Nhar il-11.03.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat dwar l-iskema maħruġa mid-DLG.

60.04.41 Nhar il-11.03.26 irċivejna mid-Direttur Galea b'referenza għas-servizz addizzjonali mitlub skont il-Klawżola 20.6 tal-kuntratt tal-Iskart CT2136/2022 li jiskadi fit-18.05.26. Infurmana li ir-Reġjun jeħtieġ li jitlob lid-Dipartiment tal-Kuntratti l-approvazzjoni ta' addendum ieħor għall-Kuntratt fuq il-ġbir ta skart kummercjali u taċ-ċimiterji.

60.04.42 Nhar il-11.03.26 il-Maniġer tal-iskart bagħat dokument tal-Bill of Quantities (BOQ) relatata mas-servizzi addizzjonali ta' ġbir tal-iskart fil-kuntratt CT2136/2022.

60.04.43 Nhar il-11.03.26 is-Segretarju Eżekuttiv tal-AKL bagħtet l-agenda taż-żjara li ser issir ġewwa Sardinja bejn id-19 - 21.03.2026.

60.04.44 Nhar il-11.03.26 sar il-kors tal-AED ġewwa l-lokalita' tal-Qrendi

60.04.45 Nhar it-12.03.26 il-Maniġer tal-Iskart bagħat lista aġġornata ta' vetturi awtorizzati biex jiġbru skart domestiku.

60.04.46 Nhar it-12.03.26 il-President tal-A**KL** is-Sur Fava, bagħat xi punti u riflessjonijiet dwar temi li kellhom jintużaw biex jitqajjmu diskussjonijiet għal waqt iż-żjara saru ġewwa Sardinja.

60.04.47 Nhar it-12.03.26 ircivejna CIR AKL 2026/026: Central Bank of Malta – Eurosteps Walking challenge.

60.04.48 Nhar it-12.03.26 mill-Visit Malta li se jkunu jistgħu jaqsmu l-avvenimenti tagħna fil-website tagħhom.

60.04.49 Nhar it-12.03.26 sar il-kors tal-AED ġewwa l-lokalita' taż-Żurrieq

60.04.50 Nhar it-13.03.26 il-Maniġer tal-Ambjent informal lill-Kunsilli Lokali sabiex jibgħatu r-rapporti kolla sottomessi dwar ħsara lill-ħitan tas-sejjieħ ikkawżata mill-maltempata Harry.

60.04.51 Nhar it-13.03.26 irċivejna mill-MFSA li se tkun qed tniedi kampanja t'informazzjoni pubblika li għandha l-għan li tqajjem kuxjenza dwar l-iskemi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar dan.

60.04.52 Nhar it-13.03.26 ġejna infurmati li t-talba għal informazzjoni dwar il-ħlasijiet tard fi tranzazzjonijiet kummerċjali ġiet aġġornata u id-data sa meta għanda tingħata l-informazzjoni ġiet aġġornata.

60.04.53 Nhar is-16.03.26 irċivejna Cir AKL 2026/019_ARLEM Award – Young Local Entrepreneurship in the Mediterranean.

60.04.54 Nhar is-16.03.28 irċivejna mid-Direttur Ġenerali is-Sur Vassallo Informazzjoni dwar Servizz ta' Trasport fil-Kommunità.

60.04.55 Nhar is-16.03.26 sar l-kors tal-AED ġewwa iż-Żurrieq.

60.04.56 Nhar is-17.03.26 irċivejna mill-Arts Council sabiex naqqsmu opportunità mal-iskejjel. Is-Sa De Gaetano ikkollaborat fuq Threads of Change maċ-Ċentru ta' Appoġġ għat-tagħlim tal-MRC.

60.04.57 Nhar is-17.03.26 irċivejna ESF+.03.243 - Training Grants to Public Sector Employees within the Cultural and Creative Sectors, mill-Arts council Malta.

60.04.58 Nhar it-18.03.26 irċivejna mill-ERA dwar is-sottomessjoni għall-Programm CPD dwar il-Prevenzjoni tal-Iskart.

60.04.59 Nhar it-18.03.26 ġejna avviċinati mis-Sur Grima sabiex tkompli l-ħidma fuq il-proġett f'kollaborazzjoni mal-Awtorità tat-Turiżmu, il-Kunsilli Reġjonali u Lokali biex toħloq l-ewwel Rotta EuroVelo ta' Malta.

60.04.60 Nhar it-18.03.26 ġie ppubblikat il-flipbook diġitali li jinkludi l-attivitajiet kollha li ser jsiru fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa ġewwa ir-Reġjun Punent.

60.04.61 Nhar it-18.03.26 sar il-kors tal-AED gewwa l-lokalita' ta' l-Imqabba

60.04.62 Nhar l-20.03.26 irċivejna stedina għat-tielet edizzjoni Together for Climate Action.

60.04.63 Nhar l-20.03.26 irċivejna ir-rata rigward Servizz Addizzjonali ta' Ġbir tal-Iskart 2026 - Reġjun Punent.

60.04.64 Nhar il-21.03.26 sar il-Kors tal-Food Handling ġewwa Ħaż-Żebbuġ.

60.04.65 Nhar il-21.03.26 sar it-taħriġ tal-għannejja ġodda ġewwa Ħaż-Żebbuġ.

60.04.66 Nhar il-21.03.26 sar it-tournament tal-futbol ġewwa Ħad-Dingli fejn it-tfal li pparteċipaw kellhom ukoll iċ-ċans jesperjenzaw kif tinħadem il-liedna.

60.04.67 Nhar l-24.03.26 il-Maniġer tal-Iskart bagħat lid-Direttur Galea mid-DLG għall-approvazzjoni ta' żieda fir-rata tal-ġabra tal-iskart kummerċjali, ġbir tal-iskart organiku u mħallat miċ-ċimiterji, addizzjonali fuq it-tender tal-iskart CT2136/2022.

60.04.68 Nhar il-25.03.26 saret il-preżentazzjoni tal-logħba Buzz Bee lill-iskola Primarja tas-Seminarju tal-Arċisqof.

60.04.69 Nhar il-25.03.26 il-Maniġer tal-Ambjent ħa sehem fuq panel EcoXperience ġewwa l-Universita' ta' Malta dwar kif il-liġi u l attiviżmu żgħazugħ jifforma l-klima tal-futur.

60.04.70 Nhar is-26.03.26 preżentajna l-logħba Buzz Bee ġewwa l-iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbug u ġewwa l-iskola St.Dorothy.

**60.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet**

**60.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ Rapporti**

60.06.1 Kwotazzjoni RFQ251/2026 – Request For Quotation for setting of the Holy Week Flipbook

60.06.2 Kwotazzjoni RFQ252/2026 – Request For Quotation for Boards and Stickers

.

.

**60.07 Approvazzjoni ta' Xiri**

60.07.1 Kwotazzjoni RFQ251/2026 – Request For Quotation for setting of the Holy Week Flipbook

Il-President informa li ntbagħtu tliet (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna żewġ (2) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

60.07.2 Kwotazzjoni RFQ252/2026 – Request For Quotation for Boards and Stickers

Il-President informa li ntbagħtu 3 inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna 2 offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament

**60.08 Skeda tal-Pagamenti Nu.48**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 48.

Proponent: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima
Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

**60.09 Kuntratt Indefinit – Maniġer tal-Proġetti**

Il-President informa li l-kuntratt tal-Maniġer tal-Proġetti se jagħlaq fid-09.04.2026 ta' April 2025 u propona li kemm-il darba ma hemmx oġġezzjoni jiġi mġedded il-kuntratt b'mod indefint

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**60.10 Materji Oħra**

**60.10.1 Skemi Fondi għal attivitajiet kulturali annwali**

Il-President informa sabiex sat-Tlieta 7 t' April il-Kunsilli għandhom jibgħatu lir-Reġjun lista tal-attivitajiet kulturali li ser jsiru taħt l-iskema tal-SPI.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**60.10.2 Buzz Bee – Puttinu Cares**

Il-President ippropona illi il-logħba Buzz Bee tingħata ukoll lil Puttinu Cares sabiex tintuża mit-tfal rikoverati f'Rainbow Ward.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal -Qrendi is-Sur David M.Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**60.11 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:15 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **l-27 ta' April, 2026 fil-17:00.**

| | |
|---|---|
| Sandro Azzopardi | Tania Farrugia |
| President Reġjun Punent | Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati llum